MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 29/2013/1

**Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimat minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fid-29 ta' Mejju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u, filwaqt li ddikjarat li fil-proceduri kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman, Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan", Att ta' akkuza numru 34/2010, gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli "hekk kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Eworpeja tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem" [il-Konvenzjoni], u ordnat li bhala rimedju l-intimat ihallas lil kull wiehed mir-rikorrenti s-somma ta' €5,000; bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

2. Fir-rikors tal-appell tieghu l-intimat talab li, ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez kontra taghhom.

3. Min-naha taghhom ir-rikorrenti ma prezentawx risposta, izda ghamlu sottomissjonijiet orali.

**L-Appell**

4. L-intimat qed jibbaza l-appell tieghu fuq erba' aggravji: [1] li l-ewwel Qorti agixxiet *ultra petita* meta sabet lezjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni; [2] li, in subsidium, f'dan il-kaz ma tikkonfigurax l-imsemmija lezjoni; [3] li m'huwiex minnu li kien hemm dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti; [4] li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Tenut kont li fis-sentenza appellata l-fatti premessi mir-rikorrenti, ir-risposta tal-intimat u l-konsiderazzjonijiet jinsabu sintetikament indikati, din il-Qorti ser tirripproduci dik is-sentenza fl-intier taghha.

> 1.0. "Rat ir-rikors promotur datat il-21 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:
>
> "1.1. Illi f'Marzu, 2007, tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati fost affarijiet ohra bis-segwenti:
>
> "1.1.1. Stupru vjolenti;
>
> "1.1.2. Attentat vjolenti fuq il-pudur u

“1.1.3. B’arrest illegali;

“1.2. Illi sussegwentement gew ipprocessati fil-Qorti Kriminali bis-sentenza tinghata fit-12 ta’ Novembru, 2012;

“1.3. Illi permezz tal-istess sentenza imsemmija fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti hemm akkuzati kienu:

“1.3.1. Illiberati mill-akkuza ta’ stupru vjolenti;

“1.3.2. Misjuba hatja taz-zewg (2) reati l-ohra rimanenti fuq indikati fil-paragrafu enumerat numru wiehed, (1), aktar qabel;

“1.4. Illi permezz tas-sentenza fuq riferita z-zewg (2) rikorrenti involuti gew hemm ikkundannati ghall-piena ta’ erba’ (4) snin prigunerija;

“1.5. Illi tul il-procedura kriminali kollha l-istess rikorrenti kienu qed jigu mizmuma taht *arrest preventiv*;

“1.6. Illi pero` r-rikorrenti Osman Omar jirrizulta li ibbenifika mill-helsien mill-arrest ghall-perjodu ta’ ftit aktar minn xahar;

“1.7. Illi meta giet pronunzjata s-sentenza fil-konfront taghhom jirrizulta li:

“1.7.1. Mhux biss kienu gia` skontaw is-sentenza inflitta fuqhom, izda

“1.7.2. Addirittura ghamlu cirka sentejn u nofs, (2 ½), prigunerija zejda fuq il-piena fuqhom inflitta;

"1.8. Illi din il-piena zejda hekk subita hi rizultat ta' dewmien irragonevoli fil-procedura adoperata;

"1.9. Illi in effetti l-kawza fil-Qorti Kriminali damet biss erbat (4) ijiem;

"1.10. Illi z-zmien li l-procedura hadet biex eventwalment wasslet biex tigi processata mill-qorti indikata fil-paragrafu precedenti la hu ragonevoli u lanqas gustifikat;

"1.11. Illi tali tul u dewmien riskontrat jikkostitwixxi ksur palezi tad-drittijiet tar-rikorrenti ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

1.12. Illi konsegwentement ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex din:

"1.12.1. Tiddikjara li fil-procedura fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdiltrahman, Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan – Att t'Akkuza numru 34/2010* gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli hekk kif sancit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

1.12.2. Taghti u tordna rimedju ghad-drittijiet tar-rikorrenti miksura, inkluz, izda mhux biss, rimedju konsistenti f'kumpens pekunjarju;

"1.12.3. Bl-ispejjez;

"2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali datat t-2 t'April, 2013, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

“2.1. Illi l-allegazzjoni fuq esposta tar-rikorrenti hi infondata, u dan ghas-segwenti ragunijiet;

“2.1.1. Illi d-dritt ghal smiegh xieraq irid jigi evalwat fit-totalita` tal-proceduri kollha;

“2.1.2. Illi l-fatturi rilevanti fid-determinazzjoni tal-fatt jekk is-smigh tal-process eccediex il-parametri ta’ smigh fi zmien ragonevoli jinkludu s-segwenti:

“2.1.2.i. Il-komplessita` tal-kaz;

“2.1.2.ii. L-agir tal-partijiet fil-kawza;

“2.1.2.iii. L-agir tal-awtorita`/awtoritajiet rilevanti – f’dan il-kaz, ta’ l-awtorita` gudizzjarja;

“2.2. Illi mill-atti tal-process kriminali in dizamina ma jirrizulta l-ebda dewmien irragonevoli u dan, tenut kont:

“2.2.1. Tal-komplessita` tal-kaz;

“2.2.2. Tan-numru ta’ ko-akkuzati;

“2.2.3. Ta’ ezamijiet forensici li jiehdu z-zmien;

“2.3. Illi l-fatt li ghaddew madwar hames (5) snin u tmin (8) xhur minn meta r-rikorrenti tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-21 ta’ Marzu, 2007, sa meta gie deciz il-kaz taghhom mill-Qorti Kriminali fit-12 ta’ Novembru, 2012, ma jwassalx ghal nuqqas ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli;

"2.4. Illi in effetti r-rikorrenti Anwar Otman Hasan kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest fid-19 ta' Novembru, 2007;

"2.5. Illi r-rikorrenti Omar Osman Omar kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest fit-13 ta' Marzu, 2009;

"2.6. Illi r-rikorrenti Omar Osman Omar kien inghata l-hekk imsejha liberta` provizorja wara li kien gia` ipprezenta talba simili ghall-istess datata t-23 t'Ottubru, 2008, - data li tigi ferm wara d-data li fiha kien originarjament tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fuq indikata, (ara paragrafu numru tnejn punt tlieta, (2.3.) aktar qabel);

"2.7. Illi r-rikorrenti t-tnejn inghataw il-helsien mill-arrest taht kundizzjonijiet gusti u bilancjati ta' garanzija fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari taghhom fid-dawl tal-akkuzi lilhom imputabbli;

"2.8. Illi r-rikorrenti Omar Osman Omar issodisfa l-kundizzjonijiet fuqu imposti hekk kif varjati bid-digriet relattiv datat it-22 ta' Frar, 2012;

"2.9. Illi ftit wara, senjatament fis-27 ta' Gunju, 2012, l-istess rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti instab hati li kiser l-istess kundizzjonijiet fuqu imposti;

"2.10. Illi konsegwenza tal-istess ksur indikat fil-paragrafu precedenti, l-istess rikorrenti kien rega` gie debitament inkarcerat;

"2.11. Illi kemm-il darba jirrizulta li kien hemm dewmien li jeccedi l-parametri ta' smiegh fi zmien ragonevoli, dan mhux imputabbli lill-prosekuzzjoni jew lill-Qorti;

"2.12. Illi konsegwentement m'hemmx kaz ta' rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti;

"2.13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

"2.14. Illi fid-daw tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;

"3. Rat l-atti tal-kumpilazzjoni involuta fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Hasan Muhammed Ali Hasan et bin-numru 219/2007, flimkien ma' l-atti l-ohra kollha ipprezentati fl-atti in dizamina man-nota tar-rikorrenti datata l-4 ta' Lulju, 2013, (ara fol 18 *et sequitur*);

"4. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Muhammed Ali Hasan et bin-numru Att t'Akkuza Nurmu 34/2010, datata t-12 ta' Novembru, 2012, (ara fol 165 *et sequitur*);

"5. Rat in-nota konguntiva datata l-21 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha gie ipprezentat *in atti* d-digriet tal-Qorti Kriminali datat id-19 ta' Novembru, 2007, (ara fol 190 *et sequitur*);

"6. Ezaminat l-affidavitijiet u xhieda prodotta;

"7. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 195);

"8. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati s-6 ta' Jannar, 2014, (ara fol 200 *et sequitur*), u l-31 ta' Jannar ta' l-istess sena, (ara fol 210 *et sequitur*);

"9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

"10.1. Illi flimkien m'ohrajn, ir-rikorrenti tressqu taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati ikkoncernata, f'Marzu, 2007, (ara paragrafu wiehed punt wiehed (1.1.) aktar qabel);

"10.2. Illi wara li inghalaq il-process kumpilattiv fil-Qorti tal-Magistrati fuq riferita u dak kondott fil-Qorti Kriminali, fil-guri fuq ukoll riferit, ir-rikorrenti inghataw sentenza fit-12 ta' Novembru, 2012, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.) aktar qabel u fol 165 *et sequitur);*

"10.3. Illi allura jirrizulta pacifiku li mill-prezentata f'Marzu, 2007, sas-sentenza tal-Qorti Kriminali *de quo*, ir-rikorrenti ghamlu perjodu ta' madwar hames snin u nofs (5 ½) taht arrest preventiv;

"10.4. Illi jigi rilevat li l-piena inflitta ghar-reati li taghha instabu hatja r-rikorrenti kienet stabbilita` f'piena ta' erba' (4) snin prigunerija;

"10.5. Illi ghalhekk jirrizulta assodat minghajr l-ebda dubju fir-rigward li l-istess rikorrenti gew li effettivament ghamlu aktar minn sentejn u nofs (2 ½) prigunerija minn dak li gew fil-fatt ikkundannati li jaghmlu, u dan, minghajr ma jittiehed kont tat-tnaqqis statutorju ghall-imgieba tajba fil-piena karcerarja inflitta;

"10.6. Illi konsegwentement l-ilment kostituzzjonali in dizamina jirigwarda r-relazzjoni tat-tul tal-proceduri mehuda fil-konfront tar-rikorrenti mal-piena *zejda* li effettivament jirrizulta li ghalhekk sofrew;

"Ikkunsidrat:

"11. Illi ghandu jinghad li l-ilment in dizamina ma jistqax logikament jigi mkejjel biss fir-rigward tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

"12. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li hawn si tratta ta' analizi aktar wiesgha minn dik limitata ghall-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fuq citata, u dan, qieghed jinghad ghaliex biex dan id-dritt fundamentali verament ikun effettiv jinhtieg li jattira mieghu id-drittijiet elenkati fl-artiklu 5 tal-istess Konvenzjoni;

“13. Illi f’dan ir-rigward il-principju assodat fil-kaz **Pelissier and Sassi vs France** tal-Qorti ta’ Strasburgu, datat il-25 ta’ Marzu, 1999, u hawn ribadit anki mill-intimat Avukat Generali, (ara fol 210 *et sequitur*), hu tassew minnhu, senjatament li:

“The reasonableness of the length of proceedings is to be assessed in the light of the particular circumstances of the case, regard being had to the criteria laid down in the Court’s case-law, in particular the complexity of the case, the applicant’s conduct and the conduct of the competent authorities”;

“14. Illi jigi rilevat li s-suespost gie wkoll sancit mill-istess qorti fil-kawzi **Kemmanche vs. France** (nos. 1 u 2) datata is-27 ta’ Novembru, 1991, (Serie A, no 218, p. 27, 60);

“Ikkunsidrat:

“15. Illi ghalhekk kif anke ribadit mill-Van Dijk u l-Van Hoof fil-ktieb taghhom *Theory and Practice of the European Court of Human Rights*, pp 609, mat-tlett (3) rekwiziti identifikati mill-qorti fuq riferita f’**Pelissier** ghandu jizdied ukoll ir-raba’ rekwizit u dan, fl-interess tal-attwazzjoni ta’ process gust f’kazijiet bhal dik in dizamina, senjatament fejn:

“Special diligence is also required in cases where a person is detained pending the determination of the criminal charge against him”, (**Tomasi** para. 84, deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-27 t’Awwissu, 1996);

“Ikkunsidrat:

“16. Illi ghalhekk il-kriterju taz-*zmien ragonevoli* li ghandha tiehu procedura hu rekwizit importantissimu li mhux biss ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mat-tlieta (3) rekwiziti l-ohra fuq citati, izda ghandu wkoll jinghata interpretazzjoni restrittiva;

"17. Illi kif jargumentaw l-imsemmija Van Dijk u Van Hoof, il-Qorti Ewropea in dizamina tistabbilixxi li l-*ispecial diligence* fuq riferita, (ara pargrafu numru hmistax, (15) aktar qabel), ghandha tigi applikata f'kawzi kriminali fejn l-akkuzat ikun **qieghed jinzamm taht arrest;**

"18. Illli r-*ratio* wara dan ir-rekwizit hu li ghamlet x'ghamlet il-persuna akkuzat ma tistax tibqa' il-habs indefinittivament u ghalhekk, l-Istat, tramite l-istituzzjonijiet kollha tieghu, fosthom anke l-organu gudizzjarju, hu tenut li ghandu juza dik il-kawtela specjali biex jassigura li l-liberta` tal-individwu ma tigix inutilment u bla ebda bazi statutorja ippregudikata fi kwalunkwe hin u moment;

"19. Illi s-suespost qieghed jinghad fid-dawl tal-principju operattiv li **l-prigunerija hi l-eccezzjoni,** mentri r-regola fir-rigward hi **l-liberta**`;

"Ikkunsidrat:

"20. Illi kif gie ribadit mill-Qorti ta' Strasburgu fuq gia` riferita fil-kaz fl-ismijiet **Abdoella vs. The Netherlands** datat il-25 ta' Novembru, 1992:

> "This Court has in the past told that what was at stake for the applicant had to be taken into account in assessing the reasonableness of the length of proceedings;"

"21. Illi ghalhekk tenut kont tas-suespost, l-imsemmija l-interpretazzjoni tad-*diligenza specjali* riferita fl-artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghandha f'dawn ic-cirkostanzi tittiehed ukoll in konsiderazzjoni **flimkien** mal-artiklu 6 tal-istess Konvenzjoni u dan, stante li persuna mizmuma taht arrest li tkun ghadha trid tiffaccja l-proceduri kriminali indirizzati fil-konfront taghha, timmerita u ghandha dak id-dritt akkwistat mill-qari kongunt tal-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni *de quo*, ghal dik id-*diligenza specjali* mill-awtoritajiet kompetenti involuti biex ma jhallu lil hadd taht arrest ghal zmien aktar minn dak li jkun strettament dovut;

"22. Illi ghalhekk, kif sostniet l-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali fuq indikata fl-istess kaz ta' Abdoella fuq riferit, (ara paragrafu numru ghoxrin, (20),aktar qabel);

> "The Court concludes that where a person is kept in detention pending the determination of a criminal charge against him, **the fact of his detention is a factor to be considered in assessing whether the requirement of a decision on the merits within a reasonable time has been met,**" (emfasi tal-qorti odjerna);

"Ikkunsidrat:

"23. Illi fil-kaz in dizamina l-aggravju riskontrat mir-rikorrenti hu l-fatt li wara li l-akkuzi indirizzati fil-konfront taghhom kienu decizi bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2012, irrizulta li huma spiccaw ghamlu l-habs mill-anqas sentejn u nofs ($2^{1/2}$), aktar mill-ammont stabbilit fil-piena indirizzata fil-konfront taghhom;

"24. Illi ghandu jkun pacifiku li rizultat bhal dan hawn riskontrat ma jipprestax ruhu ghal holqien t'atmosfera favur is-serjeta` tal-procedura gudizzjarja, u hi l-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti li sitwazzjoni bhal din ghandha tigi evitata stante li zgur ma tikkontribwixxix ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

"Ikkunsidrat:

"25. Illi l-indikazzjoni moghtija mill-Qorti ta' Strasburgu hi cara – senjatament, li fl-analisi in dizamina r-rekwiziti (1) tal-komplessita` tal-kaz, (2) tan-numru ta' ko-akkuzati u (3) tal-ezamijiet forensici, ghandhom jittiehdu ukoll flimkien mar-rekwizit l-iehor fuq indikat ta' dik id-*diligenza specjali* li ghandha tittiehed minn min hu dovut f'dawk il-kazijiet fejn akkuzat ikun detenut waqt li jkun qieghed jiffaccja procedura kriminali;

"26. Illi f'dan il-kuntest jirrizulta mill-atti esebiti li filwaqt li l-att t'akkuza hu datat it-18 ta' Gunju, 2010, il-guri relattiv inbeda fil-31 t'Ottubru, 2012, abbundantement sentejn (2) wara;

"27. Illi *di piu`,* minn ezami akkurat tal-verbali *in atti* kumpilattivi l-procedura in dizamina, ghalkemm f'uhud minnhom jirrizulta li l-procedura tmexxiet bi speditezza, f'ohrajn jirrizulta assodat li thassru inutilment, (ara foll 58, 63, 64, 65, 66, 68, 69, 71, 74, 76 u 80 li jiehdu din il-procedura mill-24 ta' Mejju, 2007, sat-13 ta' Gunju, 2008);

"**DECIDE:**

"28. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li r-rekwizit tad-*diligenza specjali* li ghandha tigi ezercitata minn min hu dovut fil-kazijiet ta' procedura kriminali pendenti ta' persuni mizmuma in detenzjoni ma tirrizultax li giet ezercitata fil-kaz odjern;

"29.0. Illi ghalhekk, in vista tal-istess, filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimat, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u filwaqt li allura takkolji t-talbiet tal-istess rikorrenti:

"29.1. Tiddikjara li fil-procedura fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman, Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan – Att t' Akkuza numru 34/2010* gie lez id-dritt tar-rikorrenti *Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan* ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli hekk kif sancit mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif fuq espost;

"29.2. Tordna, *ai termini* tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li r-rimedju postulat ma jistax ikun hlief dak pekunjarju u ghaldaqstant, tikkundanna lill-intimat Avukat Generali biex ihallas lill-intimati Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan l-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000.00), kull wiehed;

"29.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimat."

## <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

*Osservazzjonijiet guridici*

6. Filwaqt li l-ligi ma taghtix definizzjoni ta’ x’jikkostitwixxi zmien ragjonevoli, il-kazistika, kemm dik Ewropea kif ukoll dik lokali, identifikat is-segwenti principji regolanti l-materja ta’ “zmien ragjonevoli” fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni[1].

7. Hu ormai assodat li d-determinazzjoni ta’ x’inhu “ragjonevoli” m’ghandux jigi ezaminat fl-astratt, izda ghandu jigi ezaminat f’kull kaz skont il-fattispecie tieghu. Ukoll, ghandu jittiehed kont tat-totalita` tal-proceduri. Il-fatturi li jehtieg li jigu kkonsidrati f’dan l-ezami huma s-segwenti.

8. <u>It-tul ta’ zmien</u> li hadu l-proceduri mid-data tal-arrest sad–data tal-konkluzjoni taghhom. Izda r-rekwizit tar-‘ragjonevolezza’ b’referenza ghat-tul taz-zmien, fih innifsu ghandu element qawwi ta’ diskrezzjonalita` li jhalli f’idejn il-gudikant biex jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna akkuzata tkun giet gudikata kienx ta’ tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f’socjeta` demokratika. *“…it can be said that the question of whether a reasonable time has been exceeded will depend in many cases on a close examination of the cirumstances and the causes of any delay, and not merely on a consideration of the length of time in question”*[2]. <u>Il-komplessita` tal-kaz</u>

[1] Vide *Q.Kos.* **Emanuela Brincat v. Avukat Generali**, deciz 21 Frar 1996, u kazistika, ewropea u lokali hemm citata.
[2] Kaz *Emanuela Brincat* , u dottrina hemm citata [supra].

huwa wkoll fattur relattiv fis-sens li ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz. Huwa wkoll rilevanti L-agir tar-rikorrent fil-proceduri kriminali kontra tieghu, u b'mod aktar specifiku, jekk hu baqax passiv ghad-dilungar fil-proceduri, jew jekk kienx addirittura r-raguni principali ghad-dewmien jew ikkontribbwixxa ghall-istess. Ghandha wkoll tigi ezaminata t-tmexxija tal-proceduri da parti tal-awtorita`gudikanti, u cioe` l-isforzi taghha sabiex fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tmexxi l-proceduri bid-diligenza mehtiega bil-ghan li twassalhom ghall-konkluzjoni minghar dewmien indebitu. F'dan ir-rigward gie ritenut ukoll li "..*article 6[1] imposes on the Contracting States the duty to organize their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements, including the obligation to hear cases within a reasonable time*"[3]. Ghandhom ukoll jittiehedu kont ta *"What was at stake for the applicant",* bhala konsegwenza tal-istess proceduri kif ukoll il-fatt tad-detenzjoni[4].

*L-ewwel aggravju*

9. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti agixxiet *ultra petita* meta fil-parti dispozittiva tas-sentenza ddikjarat li kien gie lez id-dritt tar-rikorrenti protett

[3] QEDB **Pelissier and Sassi v. France**, deciz 25 Marzu 1999; **Muti v. Italy**, deciz 23 Marzu 1994 u **Sussmann v. Germany**, deciz 16 Settembru 1995.
[4] QEDB ***Abdoella v. The Netherlands***, deciz 25 Novembru 1992.

mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni meta fil-fatt il-lezjoni ta’ dan id-dritt fundamentali qatt ma kien il-meritu tal-proceduri odjerni. L-intimat jirrileva li, la fir-rikors promotur, la matul is-smigh tal-kawza u lanqas fis-sottomissjonijiet tal-partijiet ma giet sollevata tali lanjanza kostituzzjonali jew saret referenza ghall-Artikolu 5. Kien biss fis-sentenza appellata li dan l-artikolu issemma’ l-ewwel darba f’dawn il-proceduri, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx legalment tissolleva hi *ex officio* u tittratta il-fatti fl-isfond tal-imsemmi artikolu meta la l-intimat u lanqas ir-rikorrenti ma kellhom l-opportunita` li jiddikustu u jittrattaw il-kaz minn din l-ottika partikolari.

10. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li huwa konformi mal-kazistika ewropeja li l-fatt tad-detenzjoni fi proceduri kriminali ghandu jaghmel aktar impellenti l-obbligu tal-awtorita` gudikanti li tassigura li l-proceduri jitmexxew minghajr dewmien indebitu. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta kkonsidrat dan il-fatt fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dak li ma setghetx legalment taghmel dik il-Qorti kien li *ex offico* tikkonsidra il-kaz wkoll taht l-Artikolu 5 u di piu` issib li kien hemm lezjoni ta’ dan l-artikolu, meta la fir-rikors promotur jew fir-risposta ghalih, la matul il-kors tal-kawza u lanqas fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-partjiet ma giet allegata lezjoni tad-dritt hemm protett.

11. Issa huwa minnu li, kif gia` osservat minn din il-Qorti, f'kawzi marbuta mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem il-Qorti mhux tenuta timxi strettament mat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotor, izda tista' tippermetti zieda fl-ilmenti tul il-kors tal-kawza, u anke tqajjem hi *ex officio* jekk thoss li, ghall-fatti li tressqu quddiemha, jista' jkun li jghodd xi artikolu iehor tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni, izda din il-Qorti qalet ukoll li dan jista' jsir *"basta li l-Qorti tesprimi l-hsieb taghha fil-kors tas-smigh biex taghti kull opportunita` lill-partijiet iressqu provi u jittrattaw il-materja a bazi ta' dik il-pretensjoni l-gdida"*[5].

12. Huwa proprju hawn fejn ippekkat l-ewwel Qorti meta, minghajr ma kienet saret ebda referenza ghall-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni matul il-proceduri kollha, dik il-Qorti fis-sentenza taghha ezaminat u vvalutat il-fatt tad-detenzjoni tal-rikorrenti, mhux biss fil-kuntest tal-Artikolu 6, kif kellha taghmel, izda wkoll fil-kuntest tal-Artikolu 5 u <u>sabet li kien hemm vjolazzjoni wkoll ta' dan l-ahhar artikolu</u>. Dan ma kienx legalment konsentit, ghax b'hekk il-partijiet ma kellhomx l-opportunita` li jiddiskutu l-kaz fil-kuntest tal-Artikolu 5 bi pregudizzju tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq. Di fatti, anke fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea citati mill-ewwel Qorti, u cioe` il-kaz *Pelissier* u l-kaz *Abdoella*, ghalkemm dik il-Qorti kkonsidrat il-fatt tad-detenzjoni tal-applikant bhala fattur relevanti, izda dan ghamlitu limitatament ghall-iskopijiet tad-determinazzjoni dwar l-ezistenza o meno ta' lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; u ghalkemm f'dawk il-kazijiet kienet sabet lezjoni ta' dan l-artikolu, izda ma qalitx li kien

[5] Q.Kos *Yaszan vs Prim Ministru*, deciz 28 Settembru 2012

hemm ukoll lezjoni tal-Artikolu 5, u dan tenut kont li ma kienet saret ebda allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dan l-artikolu li allura ma kienx il-meritu jew parti mill-meritu f'dawk il-proceduri.

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

*It-tieni aggravju*

14. Dan hu aggravju maghmul in subsidium ghal dak precedenti, u hu fis-sens li l-fatti tal-kaz ma jwasslux ghall-konfigurazzjoni ta' lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti protett mill-imsemmi Artikolu 5.

15. Din il-Qorti tenut kont li qieset fondat l-ewwel aggravju tikkonsidra li mhux il-kaz li tinoltra ruhha aktar dwar dan it-tieni aggravju.

*It-tielet aggravju*

16. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

17. L-intimat isostni li l-fatt li ghaddew aktar minn sentejn sabiex gie appuntat il-guri u l-fatt li gew riskontrati xi diffikultajiet li ma ppermettewx li jinstemghu xhieda f'certu seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta], ma jwasslux awtomatikament ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti. Il-proceduri kriminali kellhom jigu ezaminati fit-totalita` taghhom u kellu jinghata wkoll kont tal-komplessita` tal-kaz. Dan hu rifless fil-fatt li l-att tal-akkuza kien jikkonsisti fi tmintax-il kap tal-akkuza separati kontra l-imputat u l-ko-akkuzati l-ohra, Muhammed Ali Hassan, Abuker Ahmed Abdulrahman. Inoltre kien hemm numru kbir ta' xhieda li kien mehtieg li jinstemghu matul il-kumpilazzjoni. Kien hemm ukoll numru ta' esperti forensici li kellhom jixhdu dwar ir-rapport taghhom. Ukoll kien hemm diffikultajiet derivanti mill-fatt li ma kienx facli li jnstabu interpreti biex jittraducu mill-lingwa Maltija ghal dik Somala u *vice-versa* kif u wkoll mill-lingwa Maltija ghal dik Gharaba u *vice-versa*.

18. Barra minnhekk ir-rikorrenti bl-imgieba taghhom ikkontribwew ghad-dewmien meta talbu differiment fl-udjenzi tat-3 ta' April 2007, 25 ta' Jannar 2008, 13 u 22 ta' Jannar 2010.

19. Inoltre, ir-rikorrenti qatt ma qajjmu ilmenti dwar id-dewmien matul il-proceduri kriminali. Fir-rigward l-intimat jissottometti li “Hu dmir tad-difiza li ma tibqax passiva u [ghandha] tiehu sehem attiv fejn tara li l-prosekuzzjoni allegatament qeghda tkaxkar saqajha billi tipprotesta u titlob li jinghata provvediment mill-Qorti”.

20. Lanqas jista’ jinghad li kien hemm dilungar indebitu min-naha tal-awtorita` gudikanti. Minn ezami tal-atti jirrizulta li s-seduti dejjem inzammu regolarment, kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrata [Malta] Bhala Qorti Struttorja, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, u ghalhekk ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-Istat f’dan ir-rigward. B’referenza ghall-paragrafu 27 tas-sentenza appellata, l-intimat jissottometti li l-imsemmija differimenti ma jammontaw ghal ebda ksur ta’ drittijiet fundamentali tal-appellanti. F’kull kawza quddiem il-qrati jista’ jinqala’ xi imprevvist, pero` diment li l-proceduri jitkomplew u l-awtorita` koncernata tiehu l-provvedimenti sabiex jigu sorvolati kawlsiasi diffikultajiet li jistghu jimmaterjalizzaw ruhhom, dan m’ghandux jitqies bhala dewmien irragjonevoli.

21. L-intimat ikompli jghid pero` li f’kaz li jirrizulta li kien hemm dewmien irragjonevoli f’dawk il-proceduri dan ma kienx tort la tieghu u lanqas tal-awtorita` gudikanti.

22. Rigward il-fattur tad-detenzjoni, dejjem ai fini tal-Artikolu 6, l-intimat jissenjala s-segwenti fatti.

23. Fil-kaz ta' Omar Osman Omar, minkejja li dan kien gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] b'arrest fil-21 ta' Marzu 2007 mal-ko-akkuzati l-ohra, huwa kien talab il-helsien mill-arrest preventiv xhur wara, u cioe` fit-23 ta' Ottubru 2008 meta saret l-ewwel talba, u fit-13 ta' Marzu 2009, filwaqt li eventwalment inghata il-helsien mill-arrest preventiv bid-digriet tat-22 ta' Frar 2012, izda fis-27 ta' Gunju 2012 huwa kien rega' gie re-arrestat peress li kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest preventiv, u cioe` dik tar-rinkazar fil-hinijiet stabbiliti fid-digriet relattiv.

24. Fil-kaz ta' Anwar Hasan dan kien inghata l-helsien mill-arrest preventiv fis-19 ta' Novembru 2007, izda baqa' arrestat peress li ma sabx min jaghmillu garanti fl-ammont ta' LM2,500. Il-Qorti Kriminali cahdet it-talba maghmula fit-23 ta' Marzu 2009 minn dan ir-rikorrent ghat-tnehhija ta' din il-kundizzjoni filwaqt li osservat li d-digriet fuq imsemmi kien *"johloq bilanc gust bejn id-dritt tal-imputat ghall-helsien mill-arrest wara certu zmien [Art.5.3 tal-Konvenzjoni Ewropea] u d-dritt tal-Istat li jara li l-proceduri penali jiehdu l-kors taghhom"*.

*Konsiderazzjonijiet Ulterjuri ta' din il-Qorti*

25. Wara analizi tal-provi din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet.

26. Ir-rikorrenti kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-21 ta' Marzu 2007, u fit-18 ta' April 2007 dik il-Qorti ghalqet il-kumpilazzjoni billi tat digriet li kien hemm kaz 'prima facie' kontra r-rikorrenti, allura akkuzati.

27. Minn dak in-nhar sal-10 ta' Dicembru 2007, u ghalhekk ghal tmien [8] xhur, ghalkemm inzammu seba' [7] seduti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta], ma sar prattikament xejn, ghax ghal xi raguni jew ohra mhux gustifikabbli, il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi; saret biss addenda tal-akkuza f'dik l-udjenza.

28. Sadanittant, stante li r-rikorrenti kienu ghadhom detenuti taht arrest preventiv, l-Avukat Dottor Joseph Brincat, li kien qed jidher ghar-rikorrent Anwar Otman Hasan, fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2007 ghamel is-segwenti verbal:

> "Joseph Brincat jiddeplora l-fatt li minhabba dawn ic-cirkostanzi l-imputati lanqas ghandhom opportunita` li tigi ezaminata l-kwistjoni tal-liberta` taghhom u huwa

> manifest li l-Istat mhux qed juza l-ispecial diligence li tissemma' fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea b'referenza ghall-Artikolu 5[3] tal-Konvenzjoni."[6]

29. Sadanittant fit-12 ta' Novembru 2007 l-imsemmi avukat ghamel rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn ilmenta li "ma hemmx alakrita` fil-proceduri" u li l-arrest ma baqax gustifikat[7]. Fid-digriet[8] taghha moghti fid-19 ta' Novembru 2007, il-Qorti Kriminali, wara li ghamlet analizi tal-*iter* tal-proceduri sa dak iz-zmien, hasset li kellha tosserva li *"l-iter li hadet din il-kawza mill-24 ta' Mejju sallum huwa inaccettabbli[9]"* u b'referenza wkoll ghad-difikultajiet dwar is-sejba tal-interpreti mressqa mill-prosekuzzjoni bhala gustifikazzjoni ghad-dewmien osservat hekk:

> "…. Huwa l-obbligu ta' l-Istat li jipprovdi interpretazzjoni b'xejn f'kazijiet fejn l-imputat ma jifhimx bil-lingwa li bihom ikunu qed isiru l-proceduri – u n-nuqqas ta' interpretu kif registrat f'udjenza wahda kienet biss holqa zghira f'sensiela ta' nuqqasijiet ohra li wasslu ghan-nuqqas ta' progress [fil-kumpilazzjoni] F'cirkostanzi simili, u cioe` meta l-istruttorja ma tkunx imxiet kif suppost, din il-Qorti necessarjament ghandha tikkonsidra li takkolji t-talba ghal helsien mill-arrest b'garanzija."

30. Di fatti, l-imputati nghataw il-helsien mill-arrest preventiv minn dik il-Qorti, izda xorta wahda baqghu effettivament detenuti, in vista tal-fatt li r-rikorrent Anwar Hasan ma sabx lil min jaghmillu garanti fis-somma ta' LM2,500, filwaqt li r-rikorrent l-iehor kien sab min jaghmillu garanti, u

---

[6] Fol.65 – F'dik l-udjenza hemm verbalizzat ukoll "l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Jesmond Borg baghat [sottolinear ta' din il-Qorti] jinforma lill-Qorti li peress li l-Avukat Generali talab proroga, huwa kien ta struzzjonijiet sabiex l-imputati ma jingabux il-Qorti ghas-seduta tallum".
[7] Fol.67.
[8] Fol.191 *et seq.*
[9] Sottolinear tal-Qorti Kriminali.

ghalkemm hareg mill-habs ghal perjodu ta’ xahar, huwa rega’ gie arrestat minhabba ksur tal-kundizzjoni tar-rinkazar.

31. Jidher car li la l-ilment tad-difiza dwar l-imgieba tal-prosekuzzjoni, u lanqas l-osservazzjonijiet tal-Qorti Kriminali, ma kellhom l-effett mistenni li hu dak li l-prosekuzzjoni tressaq il-kaz taghha bl-ispeditezza opportuna, ghax fis-seduta sussegwenti tas-6 ta’ Dicembru 2007, il-kaz ma setghax ikompli jinstema’ ghax *“bi zvista l-imputati ma tellawhomx il-Qorti”*[10].

32. Fis-sena 2008, inzammu mill-Qorti tlettax [13]-il-seduta, li matulhom bejn pulizija, esperti u xhieda pajzana instemghu sitta u ghoxrin [26] xhud. Il-Qorti tosserva li anke f’din is-sena kien hemm zmien mohli minhabba nuqqasijiet da parti tal-prosekuzzjoni. Hekk per ezempju fis-seduta tat-18 ta’ April 2008 gie verbalizzat li dik is-seduta ma setghex titkompla peress li l-prosekuzzjoni informat lill-Qorti tal-Magistrati [Malta] *“li hemm problema ta’ skorta sabiex l-imputati jittellghu mill-lock-up fl-awla”*[11], u dik il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza peress li kienet skedata bil-hin ghal-10.30 am u kienu diga` saru 11.40 am. Fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2008[12] li fiha kellha tixhed persuna pajzana ma sar xejn peress li din il-persuna ma kienitx deheret, u l-prosekuzzjoni ma kellhiex ir-riferta relattiva. Fis-seduta tal-10 ta’ Settembru

[10] Fol.68
[11] Fol.76
[12] Fol.81

2008[13] ma seta' jsir xejn, stante li l-espert forensiku ma setghax jixhed peress li l-process verbal relattiv ma kienx in atti, filwaqt li *"Ix-xhieda l-ohra indikati fir-rinviju tal-Avukat Generali ma gewx imharrka ghas-seduta tallum"*.

33. Sadanittant fit-13 ta' Ottubru 2008 l-imsemmi Dr.Joseph Brincat ghar-rikorrent Anwar Otman prezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn, *inter alia*, ippremetta:

> *"Now months have elapsed since the intial sitting, and it seems that the whole proceedings have not progressed in any definitie direction. It has to be stated that the delay is certainly not imputable to the Magistrate holding the sittings. The records speak for themselves."*[14]

34. Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008 instemghu seba' [7] xhieda, u l-prosekuzzjoni informat lil dik il-Qorti li minkejja li kienet *"ghaml[et] diversi talbiet sabiex jinghalaq il-process verbal relattiv ghall-allegat stupru li jifforma mertu ta' dan il-kaz, izda jirrizulta li dan il-process verbal ghadu ma ntbaghtx sabiex jigi inserit fil-process odjern"*[15]. Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008[16], is-sitwazzjoni baqghet l-istess, u l-prosekuzzjoni informat lill-Qorti tal-Magistrati [Malta] li ma kienetx harrket lill-esperti nominati fl-inkjesta peress li rrizulta li l-process verbal kien ghadu ma nghalaqx. Dan l-istat ta'

---

[13] Fol.92
[14] Fol.93
[15] Fol.95
[16] Fol.100

fatt baqa’ jissussisti sal-udjenza sussegwenti tat-12 ta’ Dicembru 2008, ghalkemm f’din is-seduta pero` il-Qorti semghet hames [5] xhieda.

35. Fis-sena 2009 il-Qorti tal-Magistrati [Malta] semghet erbatax [14] – il xhud, izda anke f’din is-sena kien hemm dewmien li setgha jigi evitat. Hekk per ezempju, fl-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009[17] ma seta’ jsir xejn effettiv peress li *“l-imputati baqghu ma ngabux il-Qorti mill-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin”.* F’dik is-seduta l-imsemmi avukat tar-rikorrent Anwar Otman vverbalizza hekk: *“Dr.Joseph Brincat jirrileva li minghajr l-ebda htija ta’ din il-Qorti kif presjeduta, issa ghaddew tlieta u ghoxrin [23] xahar mill-arrest..”*

36. Minkejja rikorsi ohra maghmula mir-rikorrenti ghall-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest preventiv, dawn gew michuda.

37. Fil-kumplament tas-seduti li saru f’dik is-sena, instemghu xhieda, kemm pajezana kif ukoll esperti, u wkoll inghata inkarigu ulterjuri lill-esperti forensici fuq talba tal-prosekuzzjoni

38. Fis-sena 2010 inzammu sitt seduti bejn it-13 ta’ Jannar u t-30 ta’ April sakemm fl-ahhar l-atti ma baqghux jigu rimessi izjed lill-Qorti tal-Magistrati,

---
[17] Fol.105

wara li fl-ahhar seduta l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar x'tipproduci.

39. Mill-atti tal-process kriminali jirrizulta li l-att tal-akkuza fil-fatt hareg fit-18 ta' Gunju 2010, u r-rikorrenti gew notifikati bl-istess fl-24 u fil-25 tal-istess xahar. Il-guri beda fil-31 ta' Ottubru u nghalaq fit-3 ta' Novembru 2012, filwaqt li s-sentenza nghatat mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012.

*Konsiderazzjonijiet Ulterjuri*

40. Mill-premess ghandu jirrizulta manifest li, ghalkemm l-Qorti tal-Magistrati [Malta] zammet seduti regolarment sabiex tikkonkludi definittvament il-kumpilazzjoni, u minkejja, l-ilmenti da parti tad-difiza, kemm quddiem dik il-Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, xorta wahda jirrizulta dewmien indebitu kagun tat-tkaxkir tas-saqajn da parti tal-prosekuzzjoni. Din il-konkluzjoni tibqa' tregi anke jekk il-proceduri jittiehdu fit-totalita` taghhom, tenut kont tal-fatt li n-numru ta' nies li xehedu matul il-kumpilazzjoni, u l-inkarigu ulterjuri moghti lill-esperti forensici, fic-cirkostanzi ma kienx jiggustifika dewmien ta' kwazi tlett [3] snin biex tigi konkluza l-istess kumpilazzjoni. Inoltre ma giex muri li f'dan il-kaz kien hemm xi

komplessita` tali li b'xi mod tista' validament titqies bhala raguni ghal tali dewmien.

41. Rigward is-sottomissjoni tal-intimat li r-rikorrenti baqghu passivi quddiem dan id-dilungar indebitu matul il-kumpilazzjoni, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghad-d-diversi ilmenti maghmula mid-difiza kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, tikkunsidra din is-sottomissjoni bhala manifestament fiergha, u ingusta ghar-rikorrenti li tul dak iz-zmien kollu huma kienu baqghu detenuti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Huwa daqstant fjakk it-tentattiv da parti tal-intimat li jipprova jitfa' xi htija ghad-dewmien fil-proceduri fuq ir-rikorrenti billi ssenjala l-fatt li matul il-perijodu ta' tlett snin li matulu damet ghaddejja l-kumpilazzjoni ir-rikorrenti talbu b'kollox erbgha [4] differiment.!

42. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta car li ma kien hemm ebda dilungar indebitu da parti tal-awtorita` gudikanti, il-fatt li nzammu diversi seduti ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-Istat ghandu jigi ezonerat mir-responsabbilta' tieghu li jassigura li l-proceduri kriminali jimxu bi speditezza, *multo magis* meta l-akkuzati kienu taht arrest preventiv. F'dan il-kaz, ghalkemm id-dewmien indebitu ma jistax jigi attribwit lill-awtorita` gudikanti, mhux l-istess jista' jinghad kemm ghall-prosekuzzjoni, kif ukoll ghall-intimat. L-agir tal-prosekuzzjoni kien wiehed ta' tkaxkir tas-saqajn li wassal ghal dewmien zejjed u mhux necessarju fil-konkluzjoni definittiva tal-

kumpilazzjoni. Dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni, ghax iz-zmien impjegat mill-prosekuzzjonu u mill-intimat mill-gurnata tal-arrest tar-rikorrenti, sakemm eventwalment beda jinstema' l-guri ma jistax jitqies bhala ragjonevoli, u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lezjoni ta' dan l-artikolu konvenzjonali.

43. Din il-Qorti tosserva li l-kawza tad-dewmen fil-proceduri kriminali ma kienx rizultat ta' "xi imprevvist", izda kien dovut ghan-nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li, fi stadju tar-rinviji, tmexxi l-kumpilazzjoni b'mod dilgienti u bi speditezza li c-cirkostanzi tal-kaz kienu jirrikjedu. Rizultat ta' dan, iz-zmien li r-rikorrenti ghamlu mizmuma taht arrest preventiv, ecceda l-perijodu tal-piena ta' prigunerija imposta mill-Qorti Kriminali b'sena u nofs, jew b'sentejn u nofs jekk jigi mizjud il-fattur tar-remissioni. Dan il-fattur ghandu jigi rifless fir-rimedju li ser jinghata lir-rikorrenti

44. In fine hija flokha l-osservazzjoni li l-fatt li r-rikorrenti kienu inghataw il-liberta' provvizorja, izda baqghu arrestati minhabba li ma setghux jissodisfaw il-kundizzjonijiet monetarji, kif ukoll il-fatt li r-rikorrent Omar Osman kien rega' gie rearrestat peress li kien kiser il-kundizzjonijiet tal-libera' provvizorja, ma jezentax lill-prosekuzzjoni jew lill-intimat mill-obbligu taghhom li jassiguraw li minn naha taghhom ma jkunx hemm dewmien inutili kif irrizulta lampament f'dan il-kaz li sehh, ghax ghandu jkun car li ghall-

iskopijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni dak li hu relevanti huwa l-fatt tad-detenzjoni u mhux ir-raguni li ghaliha r-rikorrenti kienu baqghu mizmuma taht arrest preventiv. La darba dawn baqghu detenuti allura l-obbligu da parti tal-Istat li jassigura l-ispeditezza fit-tmexxija tal-proceduri kriminali jirrizulta aktar car u impellenti. L-ispeditezza, fis-sens ta' dewmien irragjonevoli, fil-proceduri gudizzjarji, partikolarment f'dawk ta' natura kriminali, huwa rekwizit li ghandu jigi osservat f'kull kaz, anke meta l-akkuzat ma jkunx mizmum taht arrest preventiv, *multo magis* meta dan ikun mizmum taht arrest preventiv tul il-proceduri.

45. Izda f'dan il-kaz u ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ghalkemm il-fatt tad-detenzjoni kellu jittiehed in konsiderazzjoni, u minkejja li, kif fuq spjegat, mhijex daqstant relevanti r-raguni ghad-detenzjoni, daqs il-fatt fih in-nifsu, izda l-fatt li r-rikorrenti Oman Osman kien talab il-helsien mill-arrest preventiv wara li kien ilu izjed minn sena arrest, kif ukoll, il-fatt li wara li kien inghata l-helsien mill-arrest huwa kien rega' gie arrest u nzamm detenut peress li kien kiser il-kundizzjoni dawr il-hinijiet tar-rinkazar, dawn il-fatturi ghandhom relevanza ghall-finijiet tar-rimedju.

46. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*Ir-raba' aggravju*

47. Dan jirrigwardja l-kumpens mhux pekunjarju ta' €5,000 moghti mill-ewwel Qorti lil kull wiehed mir-rikorrenti. Fir-rikors tal-appell l-intimat jaghmel elenku ta' sentenzi kemm tal-Qorti Ewroepa kif ukoll dawk lokali biex juri li bhala medja l-kumpens solitament moghti f'kazijiet bhal dawn huwa ta' bejn €3,000 u €3,500, u dan anke f'kazijiet fejn it-tul ta' zmien kien jeccedi l-hames [5] snin u aktar.

48. Fl-ewwel lok din il-Qorti taghmel referenza ghall-kazijiet indikati mill-intimat in sostenn tas-sottomissjoni tieghu li l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv u, fir-rigward taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

49. Il-kaz **Pedersen and Baadsgaard v. Denmark**[18] ma jghoddx ghal kaz in dizamina tenut kont tal-fatt li ma jirrizultax li, fil-proceduri quddiem il-qrati lokali fejn l-applikant kien gie mixli bid-defamazzjoni, kien mizmum taht arrest preventiv matul il-proceduri. Ghall-istess raguni lanqas japplika l-kaz lokali citat mill-intimat fl-ismijiet **David Marinelli v. Avukat Generali et**[19], li kien kaz bazat fuq l-Artikolu 4[2] tal-Kap.373, u li wara sejbien ta' htija l-applikant kien wehel multa ta' hamsin Lira Maltin (Lm50). Il-proceduri f'dan

[18] QEDB Appl.49017/99, deciz 17 Dicembru 2004
[19] PA[sk][TM] 5/08, deciz fit-3 Lulju 2008

il-kaz damu circa 5 snin u, ghalkemm il-Qorti sabet lezjoni minhabba t-tul irragjonevoli li hadu l-proceduri kriminali, akkordat kumpens ta' erba' mija hamsa u sittin Euro (€465). F'dan il-kaz, bhal dak precedenti, ma jirrizultax mis-sentenza li l-applikant kien ghamel xi zmien arrestat.

50. Ghaldaqstant, la darba f'dawn il-kawzi ma kienx hemm il-fattur tad-detenzjoni, ma jistghux ikunu ta' ghajnuna ghall-intimat fil-kaz odjern.

51. Fil-kaz **Stoianova and Nedelcu v. Romania**[20] il-proceduri kriminali kienu damu aktar minn disa' snin, izda jirrizulta biss li l-applikant kien arrestat fl-ewwel parti meta tressaq quddiem il-qrati kriminali f'April 1993. Jirrizulta li sussegwentement il-proceduri twaqqfu, izda wara xi zmien regghu tkomplew. Mis-sentenza ma jirrizultax kemm dam mizmum f'detenzjoni l-applikant. Jirrizulta pero` li f'dan il-kaz il-Qorti Ewropeja, wara li osservat li *"the length of the proceedings against applicants was excessive and did not satisfy the reasonable time requirement"* dik il-Qorti akkordat kumpens mhux pekunjarju ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) lil kull applikant.

52. Fil-kaz **Vajic v. Turkey** jirrizulta li l-kawza quddiem il-qrati kriminali damet ghaddejja disa' snin u l-Qorti Ewropeja akkordat lill-applikant

[20] QEDB Appl.77517/01 u 77722/01, deciz 4 Awissu 2005

kumpens mhux pekunjarju ta' tlett elef Euro (€3,000), izda osservat li l-fatt li l-applikant kien ghal xi zmien mahrug u ma deherx quddiem il-qrati kriminali kien fattur li ghandu jigi kkunsidrat fil-komputazzjoni tal-kumpens. Hija osservat hekk:

> *"The Court is of the opinion that the flight of an accused person has in itself certain repercussions on the scope of the guarantee provided by Article 6 para.1 of the convention as regards the duration of proceedings. When an accused person flees from a State which respects the principle of the rule of law, it may be assumed that he or she is not entitled to complain of the unreasonable duration of proceedings following that flight, unless sufficient reasons can be shown to rebut this assumption (see Ventura v Italy, no 7438/76…)"*[21]

53. Meqjus dak kollu premess, din il-qorti tikkunsidra opportun is-segwenti kunsiderazzjonijiet li huma relevanti fid-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghal-lezjoni subita` minnhom.

54. Minkejja l-osservazzjonijiet maghmula mill-Qorti Kriminali fid-digriet taghha tad-19 ta' Novembru 2007 dwar id-dewmien inutili rrizulta li, ghalkemm kien registrat progress fil-kawza fis-snin sussegwenti, cioe` 2008 u 2009 xorta wahda kien hemm grad ta' dewmien inutili da parti tal-prosekuzzjoni li taghlaq il-kaz taghha.

[21] QEDB Vajic v Turkey, Appl.18078, deciza 20 Gunju 2006, para.44

55. Dik il-Qorti fid-digriet taghha osservat li *"F'cirkostanzi simili, u cioe` meta l-istruttorja ma tkunx imxiet kif suppost, din il-Qorti necessarjament ghandha tikkunsidra li takkolji t-talba ghal-helsien mill-arrest bil-garanzija."* Ghalhekk, u tenut kont tad-dewmien inutili matul il-kumpilatorja dik il-Qorti deherilha li kellha necessarjament taghti l-helsien mill-arrest preventiv bil-garanzija.

56. Fl-ahharnett, u b'aktar qawwa ghandu jittiehed kont tal-fatt li, filwaqt li r-rikorrenti damu mizmuma f'detenzjoni tul il-perijodu ta' 5 snin u nofs sakemm inqata' l-kaz taghhom, il-piena ta' pruginerija eventwalment moghtija mill-Qorti Kriminali kienet ta' 4 snin, u ghalhekk dawn ghamlu <u>sena u nofs</u> aktar mill-piena moghtija lilhom. Ir-rikorrenti jissenjalaw ukoll li, kkunsidrat il-perijodu ta' sena *remission*, jigu li ghamlu zejda sentejn u sitt xhur fil-kaz ta' Osman Omar u sentejn u seba' xhur il-kaz ta' Anmwar Hasan.

57. Ferm il-premess, din il-Qorti taqbel li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti lir-rikorrent Anwar Otman Hasan huwa fic-cirkostanzi huwa wiehed eccessiv u ghandu jigi ridott ghal erbat elef Euro (€4,000). Dwar ir-rimedju moghti lir-rikorrent l-iehor Omar Osman, din il-Qorti tikkunsidra opportuna riduzzjoni fl-ammont ta' kumpens moghti lilu mill-ewwel Qorti, u dan in vista tal-konsiderazzjonijiet gja' fuq spjegati, u cioe` il-perjodu twil li hu halla jghaddi qabel ma talab il-helsien mill-arrest preventiv, u l-fatt li, minkejja li

eventwalment hu kien inghata l-liberta' kundizzjonata, izda kien rega' gie arrestat minhabba li kien ksier wahda minn kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta]. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehema li l-kumpens li ghandu jinghata lil dan ir-rikorrent ghandu jkun fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000).

58. Ghaldaqstant tikkunsidra dan l-aggravju fondat limitatament u fis-sens li l-kumpens dovut lilu ghandu jkun fl-ammont fuq indikat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell limitatament kif ser jinghad: thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn dik il-Qorti iddikjarat li sabet ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; tirriformaha f'dik il-parti fejn akkordat lil kull wiehed mir-rikorrenti kumpens ta' €5,000, u minflok, tirriduci l-kumpens dovut lir-rikorrent Anwar Otman Hasan ghal erbat elef Euro (€4,000), u billi tirriduci l-kumpens dovut lir-rikorrent Omar Osman Omar ghas-somma ta' elfejn Euro (€2,000); filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell odjern jigu spartiti bejn il-partijiet in kwantu ghal kwart [$^1/_4$] mill-intimat, u tlett kwarti [$^3/_4$] jkunu a karigu tar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------